Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Mejju 2011

li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fil-Pajjiżi l-Baxxi

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 3427)

(It-test Olandiż biss huwa awtentiku)

(2011/303/UE)

(ĠU L 136, 24.5.2011, p. 95)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/700/UE tal-20 ta' Ottubru 2011	L 276	62	21.10.2011

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Mejju 2011

li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fil-Pajjiżi l-Baxxi

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 3427)

(It-test Olandiż biss huwa awtentiku)

(2011/303/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [Ir-Regolament dwar l-OKS Unika]) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 43(m), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Il-punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' ħnieżer [tal-majjali], il-kontenut ta' laħam dgħif għandu jkun ivvalutat permezz ta' metodi ta' gradazzjoni [ta' klassifikazzjoni] awtorizzati mill-Kummissjoni, u dawn il-metodi jistgħu jkunu biss metodi ta' valutazzjoni pprovati statistikament ibbażati fuq il-qies fiżiku ta' parti anatomika waħda jew aktar tal-karkassa tal-majjal. L-awtorizzazzjoni tal-metodi ta' klassifikazzjoni hija soġġetta għall-konformità b'tolleranza massima għall-iżbalji tal-statistika fil-valutazzjoni. Definizzjoni ta' din it-tolleranza tinsab fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 tal-10 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali [tat-tabelli] tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ [tan-nagħaġ] u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom ([2]).

(2) Bid-Deċiżjoni 2005/627/KE ([3]), il-Kummissjoni awtorizzat l-użu ta' żewġ metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fil-Pajjiżi l-Baxxi.

(3) Minħabba l-adattamenti tekniċi u l-fatt li hija prevista bidla fil-popolazzjoni tal-majjali kkastrati fil-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba l-assenza mistennija fil-futur qarib ta' annimali maskili kkastrati, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi talab lill-Kummissjoni biex tawtorizza tliet metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fit-territorju tiegħu u ppreżenta deskrizzjoni dettaljata tal-prova tad-dissezzjoni, billi indika l-prinċipji li fuqhom huma bbażati dawk il-metodi, ir-riżultati tal-prova tad-dissezzjoni u l-ekwazzjonijiet [il-kalkoli] użati għall-valutazzjoni tal-perċentwal tal-laħam dgħif fil-protokoll stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/2008.

(4) L-eżami ta' dik it-talba wera li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dawk il-metodi ta' klassifikazzjoni huma ssodisfati. Għalhekk, dawk il-metodi ta' klassifikazzjoni għandhom jiġu awtorizzati fil-Pajjiżi l-Baxxi.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 337, 16.12.2008, p. 3.
([3]) ĠU L 224, 30.8.2005, p. 17.

▼B

(5) Il-modifiki tal-apparat jew il-metodi ta' klassifikazzjoni ma għandhomx ikunu permessi, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(6) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, id-Deċiżjoni 2005/627/KE għandha tiġi rrevokata.

(7) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi tekniċi, u filwaqt li jiddaħħlu apparati u kalkoli ġodda, il-metodi tal-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali awtorizzati skont din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mit-3 ta' Ottubru 2011.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-użu tal-metodi li ġejjin għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali skont il-punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fil-Pajjiżi l-Baxxi huwa b'dan awtorizzat:

— l-apparat "Hennessy Grading Probe (HGP 7)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 1 tal-Anness;

— l-apparat "Capteur Gras/Maigre — Sydel (CGM)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 2 tal-Anness;

— l-apparat "CSB Image-Meater (CSB)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 3 tal-Anness;

Artikolu 2

Il-modifiki tal-apparat awtorizzat jew il-metodi ta' klassifikazzjoni ma għandhomx ikunu permessi, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2005/627/KE hija rrevokata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika ►**M1** mit-2 ta' Jannar 2012 ◄.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

▼B

ANNESS

IL-METODI GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KARKASSI TAL-MAJJALI FIL-PAJJIŻI L-BAXXI

PARTI 1

Hennessy Grading Probe (HGP 7)

1. Ir-regoli stipulati f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala "Hennessy grading probe (HGP 7)".

2. L-apparat għandu jkun mgħammar bi probe b'dijametru ta' 5,95 millimetri (u jkun fih xafra ta' 6,3 millimetri fuq kull naħa tal-probe fuq nett) li jkun fiha fotodajowd [photodiode] (Siemens LED tat-tip LYU 260-EO u fotoindividwatur [photodetector] tat-tip 58 MR) u li jkollha distanza operattiva ta' bejn 0 u 120 millimetru. Ir-riżultati tal-kejl għandhom ikunu ttrasformati f'termini ta' kontenut ta' dgħif stmat permezz tal-HGP 7 stess, kif ukoll ta' kompjuter ikkonnettjat miegħu.

3. Il-kontenut ta' laħam dgħif tal-karkassa għandu jkun ikkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$LMP = 65{,}92 - 0{,}6337 * Xaħam + 0{,}0446 * Muskolu$$

fejn:

LMP = il-perċentwali stmat tal-laħam dgħif fil-karkassa,

Xaħam = il-kejl HGP7 tal-ħxuna tax-xaħam (inkluża l-ġilda) f'millimetri, imkejjel fil-livell ta' bejn it-tielet u r-raba' kustilja mill-pożizzjoni tal-aħħar kustilja, 6 ċentimetri mil-linja tan-nofs dorsali,

Muskolu = il-kejl HGP7 tal-ħxuna tal-muskolu (inkluża l-ġilda) f'millimetri, imkejjel fl-istess ħin u fl-istess pożizzjoni bħax-*Xaħam*.

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 73,5 u 107,5 kilogramma.

PARTI 2

Capteur Gras/Maigre — Sydel (CGM)

1. Ir-regoli stipulati f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala "Capteur Gras/Maigre — Sydel (CGM)".

2. L-apparat għandu jkun mgħammar bi probe Sydel ta' definizzjoni għolja b'dijametru ta' 8 millimetri, b'dajowd infraaħmar li jarmi d-dawl (Honeywell) u b'żewġ sensors tad-dawl (Honeywell). Id-distanza operattiva għandha tkun bejn 0 u 95 millimetru.

Ir-riżultati tal-kejl għandhom jinqalbu f'kontenut tal-laħam dgħif stmat permezz tal-apparat CGM stess.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassi għandu jkun ikkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$LMP = 66{,}86 - 0{,}6549 * Xaħam + 0{,}0207 * Muskolu$$

▼B

fejn:

LMP = il-perċentwali stmat tal-laħam dgħif fil-karkassa,

Xaħam = il-kejl CGM tal-ħxuna tax-xaħam (inkluża l-ġilda) f'millimetri, imkejjel fil-livell ta' bejn it-tielet u r-raba' kustilja mill-pożizzjoni tal-aħħar kustilja, 6 ċentimetri mil-linja tan-nofs dorsali,

Muskolu = il-kejl CGM tal-ħxuna tal-muskolu (inkluża l-ġilda) f'millimetri, imkejjel fl-istess ħin u fl-istess pożizzjoni bħax-Xaħam.

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 73,5 u 107,5 kilogramma.

PARTI 3

CSB Image-Meater (CSB)

1. Ir-regoli stipulati f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala "CSB Image-Meater (CSB)".

2. Is-CSB Image-Meater jikkonsisti partikolarment minn vidjowkamera, kompjuter mgħammar b'kard għall-analiżi tal-immaġni, skrin, printer, mekkaniżmu użat għall-kmand, mekkaniżmu għar-rati u interfaċċji. Il-fatturi varjabbli tal-Image-Meater (16) huma kollha mkejla fil-linja tan-nofs tal-parti tal-perżut (madwar il-*M. gluteus medius*):

Ir-riżultati tal-kejl għandhom jinqalbu fi stimi tal-perċentwali tal-laħam dgħif bl-użu tal-kompjuter.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassi għandu jkun ikkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$LMP = 65{,}2212 - 0{,}2741\,S + 0{,}0160\,F - 0{,}0302\,ML - 0{,}2648\,MS + 0{,}0831\,MF - 0{,}1002\,WL - 0{,}0509\,WaS + 0{,}0172\,WaF - 0{,}0169\,WbS + 0{,}0006\,WbF + 0{,}0341\,WcS - 0{,}0097\,WcF + 0{,}0223\,WdS - 0{,}0008\,WdF + 0{,}0132\,ES - 0{,}0124\,IS,$$

fejn is-16-il kejl oġġettiv tas-CSB, meħuda fil-linja tan-nofs, huma kif ġej:

LMP = il-perċentwali stmat tal-laħam dgħif fil-karkassa,

S = il-ħxuna tax-xaħam, l-iċken ħxuna tax-xaħam madwar il-muskolu gluteus medius (mm),

F = il-ħxuna tal-muskolu, l-iċken ħxuna tal-muskolu bejn l-estremità anterjuri tal-muskolu gluteus medius u l-parti dorsali tal-kanal tal-mudullun (f'millimetri),

ML = it-tul tal-muskolu gluteus medius (f'millimetri),

MS = il-wisa' medju tal-bejken taħt il-muskolu gluteus medius (f'millimetri),

MF = il-ħxuna medja tal-laħam dgħif taħt il-muskolu gluteus medius (f'millimetri),

WL = it-tul medju tal-vertebri inklużi d-disks tal-ispina (f'millimetri),

Wa,b,c,dS = il-ħxuna medja tal-bejken taħt l-ewwel vertebra mkejla (a) u tliet vertebri oħra (b, c, d) (f'millimetri),

▼B

Wa,b,c,dF = il-ħxuna medja tal-laħam dgħif taħt l-ewwel vertebra mkejla (a), u tliet vertebri oħra (b, c, d) (f'millimetri),

ES = il-ħxuna medja esterna tal-bejken "il fuq mill-erba" vertebri mkejla (f'millimetri),

IS = il-ħxuna medja interna tal-bejken "il fuq mill-erba" vertebri mkejla (f'millimetri),

4. Il-punti tal-kejl huma deskritti fil-Parti II tal-protokoll ippreżentat lill-Kummissjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/2008.

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 73,5 u 107,5 kilogramma.